**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**L-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni**
**(Spettur Christian Abela)**

**Vs**

**-Omissis-**

**Illum 14 ta' Lulju 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

> **"-Omissis-**;
>
> U nakkużah talli fis- 12 ta` Lulju 2021 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'Passaport, Karta ta' l-Identità u Permess għar-Residenza jew uża jew kellhu fil-pussess tieghu xi Passaport, Karta ta' l-Identità u Permess għar-Residenza li huwa kien jaf li ġew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom .(Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

> Kif ukoll nakkużah talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument iehor iffalsifikat, fid-dokument fuq imsemmi (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta);
>
> Kif ukoll nakkużah talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi iffalsifika xi dokument jew kopji vera ta' dokument jew reġistrazzjonijiet magħmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1d) tal-Liġijiet ta' Malta)."

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu.

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat -**omissis**- reġa afferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tatu żmien jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni tal-imputat l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi imposta, din il-Qorti mhux biss qed tqis l-ammissjoni tal-imputat fi stadju bikri tal-proceduri, izda qed tqis ukoll il-koperazzjoni tiegħu mal-Pulizija, il-fedina penali tal-imputat, il-gravità tar-reati minnu kommessi, kif ukoll iċ-ċirkostanzi partikulari li taw lok ghal dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artiklu 5 tal-Kapitlu 61, l-Artiklu 189 tal-Kapitlu 9, u l-Artiklu 32(1)(d) tal-Kapitlu 217 tal-liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **-omissis-** ħati tal-akkuzi migjuba kontrih u wara li qieset il-kollaborazzjoni tieghu mal-Pulizija, u l-ammissjoni bikrija tieghu tqis li piena karċerarja ma hiex idoneja f'dan il-każ u għalhekk qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor sa żmien seba' snin mil-lum ai termini tal-Artiklu 22 tal-Kap. 446 tal-liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputat l-import u konsegwenzi ta' din is-sentenza u x'jigri f'kaz li ma jottemporax ruhu ma' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur